MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 110

8 ta' April 2019

Minuti tas-seduta Nru. 110 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn, 8 ta' April 2019 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 1.14. tas-Seduta 109 **(Ref: P/5/8/Z)** u talbet li din tinqara kif ġej:

*"1.14. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini staqsiet dwar jekk il-Partial Review of Subsidiary Plans li jolqtu daqshekk il-Mellieħa, kienx hemm konsultazzjoni dwarhom qabel ġew ippubblikati fi Frar 2013. Il-Kunsillier E. Bartolo qal id-dokument imsemmi ma kienx speċifikament għall-Mellieħa, iżda għal diversi lokalitajiet meqjusa bħala żoni turistiċi. Kompla jgħid li meta dokument ikun jinvolvi firxa ta' lokalitajiet, jiddubita jekk qattx kien hemm rispons minn Kunsilli Lokali partikolari sakemm tkun għadha għaddejja l-konsultazzjoni dwaru. Is-Sinjura Brincat Stellini wieġbet li s-Seba' Kunsill dejjem ta attenzjoni materji li jolqtu l-ippjanar fi stadju ta' konsultazzjoni, kif kien il-każ meta għamel rappreżentazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-height relaxation policy fir-rigward tal-lukandi.".*

1.3. Il-Kunsillier J. Attard rrefera għall-minuta 1.16 u 1.17 tas-Seduta 109 **(Ref: P/5/8/Z)** u talab li din tinqara hekk:

“1.16. *Il-Kunsillier J. Attard aċċenna għall-mod eċċellenti kif is-Sindku J. Buttigieg ibbaża l-argumenti li wasslu għall-oġġezzjoni tal-Kunsill għall-inklużżjoni ta’ lukanda fil-kumpless ta’ bini, kif propost mill-iżviluppaturi. Is-Sur J. Attard staqsa kemm tinvolvi kmamar il-parti tal-lukanda, għaliex meta ġiet trattata l-applikazzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar fil-21 ta’ Marzu 2019, issemma biss in-numru ta’ sodod li jammontaw għal 104. Kompla jgħid li kemm-il darba jiġi ppreżentat l-appell, importanti li x-xogħol fuq is-sit ma jinbediex. Huwa evidenti li l-iżviluppatur għandu l-intenzjoni li jibda minnufiħ, għaliex fit-3 ta’ April beda l-bini tal-hoarding madwar is-sit. Is-Sindku wieġeb li l-lukanda proposta tinvolvi 47 kamra, filwaqt li x-xogħol fuq il-bini tal-hoarding waqaf għaliex l-iżviluppatur kien għadu ma ppreżentax il-Contruction Method Statement. Is-Sur J. Buttigieg qal illi huwa normali li dan jinbena ‘l barra mil-linja tal-bini minħabba raġunijiet ta’ sigurtà. Huwa ġibed l-attenzjoni li għadu prematur biex wieħed jgħid jekk l-iżviluppatur għandux jitħalla għaddej bix-xogħol, jew jitwaqqaf, peress li jrid jittieħed parir legali dwar dan il-fattur.*

1.17. *Il-Kunsillier J. Attard reġa’ intervjena billi qal li huwa ma jifhimx l-urġenza tal-mozzjoni, meta l-approvazzjoni tal-permess għadha ser tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-10 ta’ April 2019. Qal li ma jifhimx lanqas għaliex il-mozzjoni, kif ippreżentata ma tagħmel ebda referenza għall-proposta mressqa minnu fis-Seduta 107 tat-22 ta’ Frar 2019, fejn huwa ppropona li l-Kunsill għandu jitlob sabiex l-art in kwistjoni terġa tinxtara lura mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li dan ma jnaqqas xejn mill-urġenza tal-mozzjoni, għaliex is-sottomissjoni tal-appell tirrikjedi l-ħin biex titħejja bis-serjetà. Is-Sindku kkummenta li s-suġġett ser ikun fuq l-aġenda tas-seduta tat-8 ta’ April 2019, u dakinhar huwa ser ikun qed jissuġġerixxi isem ta’ avukat li jispeċjalizza f’dan il-qasam.”.*

1.4. Il-minuti tas-seduta Nri. 108 u 109 tal-20 ta’ Marzu u tat-3 ta’ April 2019, rispettivament, ġew approvati u ffirmati bl-emendi t’hawn fuq. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Proġett dwar il-pavimentar ta’ Triq l-Inkurunazzjoni (P/4/29)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.8.1. tas-seduta Nru. 108 tal-20 ta’ Marzu 2019 u tenna li l-kuntratt li kien ġie ffirmat ma’ L.B.V. Ltd għandu jiġi rtirat a bażi tar-raġunijiet mogħtija.

2.1.3. Il-Kunsill approva s-suġġeriment tas-Sindku.

### 2.2.1. Rikostruzzjoni ta’ Triq il-Marfa (T/5/3)

2.2.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.2.1. tas-seduta Nru. 108 tal-20 ta’ Marzu 2019 u kkummentat li minn meta beda s-servizz tal-*minibus shuttle* u d-dħul tal-karozzi tal-linja fi Triq Qasam Barrani, fl-1 ta’ April, il-pubbliku jidher li addatta ruħu tajjeb għall-arranġamenti li saru, tant li ma kienx hemm ilmenti.

2.2.3. Il-Kunsill innota u qabel mal-kumment li sar.

### 2.3.1. *Via Sagra* għat-tfal *(A/6/3/2/Vol 80)*

2.3.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.5.1. tas-seduta 108 tal-20 ta’ Marzu 2019 u għarrfet li l-attività illi ġiet organizzata mill-Iskola Primarja, saret fil-bitħa tal-istess skola minflok fi Triq Qasam Barrani.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.4.1. Titjib fi Ġnien Dun Anton Debono u Ġnien tas-Salib** **(P/4/24)(P/4/22)**

2.4.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.3.1. tas-seduta 107 tat-22 ta' Frar 2019 u staqsiet dwar jekk ittieħdux passi sabiex jiġu nstallati sistemi ta' CCTV cameras għas-siġurtà tal postijiet.

2.4.3. Is-Segretarju wieġeb li kienu qed jitħejjew l-ispeċifikazzjonijiet sabiex ikun jista' isir *procurement document*.

**2.5.1. Xelter taħt Triq Sant' Anna** **(P/4/17)**

2.5.2. Is-Sindku għarraf li nbeda x-xogħol ta' tisbieħ fit-triq imsemmija, iżda kellu jitwaqqaf temporanjament minħabba li s-Sovrintendenza tal-Wirt Storiku ġiet infurmata bis-sejba ta' xelter tat-Tieni Gwerra Dinjija. L-intenzjoni hija li x-xelter jitħalla fl-istat li hu u jerġa' jingħalaq fl-istat li hu, bil-bokka tiegħu tiegħu tibqa' tidher fejn tinsab minn naħa ta' barra. Is-Sur J. Buttigieg qal li x-xogħol ma jistax jitkompla qabel tingħata direzzjoni minn naħa tas-Sovrintendenza.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Konkors ta' proża għall-anzjani** **(P/5/8/Z)**

2.6.2. Il-Kunsillier J. Attard rrefera għall-minuta 4.5.1. tas-seduta 108 tal-20 ta' Marzu 2019 u għarraf li għall-konkors imsemmi ser jieħdu sehem is-Sinjuri Alfred Vella u John Camilleri.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Taħditiet dwar il-prevenzjoni tas-suwiċidju** **(E/1/3/Vol IV)**

2.7.2. Il-Kunsillier J. Attard rrefera għall-minuta 5.4.1. tas-seduta 108 tal-20 ta' Marzu 2019 u għarraf li ser issir taħdita dwar is-suġġett imsemmi fit-23 ta' April 2019 fid-9.45am fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.8.1. *Resilient Communities Project*** **(C/3/2/Vol II)**

2.8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li komplew il-kuntatti mal-CORE Platform fejn qed jipproponu li jiġi ntrodott servizz ta' trasport għall-komunità. Hija rrakkomandat li ssir laqgħa mal-Kunsill Lokali tan-Naxxar, li diġa huma mpenjati fuq inizjattiva ta' din ix-xorta.

2.8.3. Il-Kunsill laqa' l-proposta.

**2.9.1. *Calisthenics gym equipment* għall-Park tal-Familja** **(P/4/6/Vol V)**

2.9.2. Il-Viċi Sindku D. Vella rrefera għall-minuta 5.15.4. tas-seduta 108 tal-20 ta' Marzu 2019, fejn huwa ġibed l-attenzjoni għat-tagħmir imsemmi hawn fuq. Huwa ppropona li dan jista' jiġi kkunsidrat li jsir fil-Park tal-Familja fejn diġa hemm rubberised floor, iżda mhemmx la tagħmir tal-gym u lanqas bandli, jew fil-picnic area.

2.9.3. Ittieħdet nota tal-proposta.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**3.1.1. Bdil ta' lampi ta' Triq iż-Żebbuġ** **(E/1/3/Vol IV)**

3.1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo staqsa dwar jekk hemmx pjanijiet sabiex isiru dwal *whip type* ġodda fi Triq iż-Żebbuġ. Dan billi din hija l-unika triq li fadal bil-lampi tat-tip *mushroom,* illi mhux imqassmin b'mod uniformi matul it-triq kollha.

3.1.3. Is-Sindku wieġeb li din tista' tiġi kkunsidrata wara li jitwettaq il-proġett li attwalment għaddej fi Triq it-Tramuntana, Triq San Pawl u Triq il-Madonna tal-Għar. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li l-finanzjament għaliha jista' jinkiseb mid-*Development Planning Fund* amministrat mill-Awtorità tal-Ippjanar.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 05/04/19;
- Skeda ta' Pagamenti – 19/03/19 – 05/04/19;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Kuntratt dwar it-tindif ta' toroq mhux urbani (T/4/6/Vol IV)

5.1.2. Is-Sindku għarraf li fl-aħħar ġimgħat ġie osservat ammont konsiderevoli ta' skart fil-postijiet għall-ikkampjar ġewwa l-Aħrax. Irriżulta li l-kuntrattur konċernat qed isib diffikultajiet biex ibattal l-iskart li qed jitħalla fir-riċipjenti magħmula mill-*pallets* tal-injam. Minn naħa tal-Kunsill ġie ssuġġerit li minflokom għandu jsir użu minn *bins-on-wheels,* li faċilment jintbattlu ġo scammel attrezzat apposta. Dan is-servizz ikun jista' jingħata mill-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart domestiku, u l-ispiża relattiva titnaqqas mill-kont ta' kull xahar li jibgħat mil-kuntrattur assenjat it-tindif tat-toroq mhux urbani.

5.1.3. Il-Kunsill approva dan l-arranġamen u għalhekk talab li jsiru rappreżentazzjonijiet mal-kuntratturi konċernati sabiex ikun hemm qbil bil-kitba dwar ir-rati.

### 5.2.1. Restawr ta' ħitan tas-sejjieħ permezz tal-Miżuri 4.4 u 4 taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali; (P/10/33)

5.2.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għal-laqgħa msejħa mill-Fondazzjoni Grupp Azzjoni tal-Majjistral li saret fil-21 ta' Marzu 2019 dwar il-miżura msemmija hawn fuq. Hija kompliet tgħid li fl-istess laqgħa sar aċċenn fuq titjib ta' *green infrastructure* eżistenti u għalhekk issuġġeriet li jkun hemm titjib f'dan is-sens fi Ġnien il-Qigħan.

5.2.3. Is-Segretarju għarraf ukoll li fid-9 ta' April 2019 ser issir laqgħa ma' uffiċjali mill-MEUSAC bil-għan li tiġi sottomessa talba għall-finanzjament ta' parti oħra mill-ħitan tas-sejjieħ fit-Telgħa ta' Selmun taħt il-Miżura 4.4, ossija dik il-parti bejn il-triq l-qadima ta' Selmun, l'isfel mill-pompa tad-drenaġġ sal-*S-bend*. Fl-istess laqgħa ser jiġi diskuss ukoll liema inizjattivi oħra jistgħu jittieħdu u li huma eliġibbli għal finanzjament taħt din il-Miżura.

5.2.4. Is-Sindku qal li apparti l-ħajt tas-sejjieħ fit-Telgħa ta' Selmun, bħala *green infrastructure* jista' jiġi kkunsidrat ir-rijabilitazzjoni tax-Xagħra tat-Tunnara, bil-għan li jitneħħew pjanti invażivi u possibilment isir il-bini ta' ħajt madwar l-istess art. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna wkoll li fil-passat kienet saret applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar – PA 1830/98 – fuq l-istess linji.

5.2.5. Il-Kunsill laqa' il-proposta tas-Sindku skont il-minuta 4.4.4.

### 5.3.1. Uffiċjal fi Skala 15 – Ħatra ta' Kumitat tal-Għażla (P/7/1/Vol XI)

5.3.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fil-25 ta' Marzu 2019 ġew intervistati tliet kandidati minn fost dawk li attendew illi bgħatu l-*curriculum vita* tagħhom. Ġie spjegat li l-kandidat illi fl-opinjoni tal-Bord kien l-aktar wieħed addattat, wara l-intervista għarraf li huwa kien ġie offrut impjieġ x'imkien ieħor. Il-Bord kien tal-opinjoni li t-tnejn l-oħra ma humiex addatti għax-xogħol offrut. Il-lista li bgħatu Jobsplus kienet tinkludi 33 persuna.

5.3.3. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Bord u talab li jsiru rappreżentazzjonijiet mal-aġenzija Jobplus sabiex jindikaw il-proċedura bil-għan li jitkompla l-proċess.

**5.4.1. Rikostruzzjoni ta' Triq il-Marfa** **(T/5/3)(T/4/7/Vol III)**

5.4.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 5.2.1. tas-seduta 108 tal-20 ta' Marzu 2019 u talab li fl-iskeda tal-korrispondenza li waslet, jiġu rreġistrati l-imejls kollha li għaddew bejn il-Kunsill u Infrastructure Malta.

5.4.3. Ittieħdet nota sabiex jiġi verifikat x'seta tħalla barra mill-iskeda.

**5.5.1. Bejgħ ta' prodotti li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent** **(A/6/3/2/Vol 80)**

5.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.11.1. tas-seduta 108 tal-20 ta' Marzu 2019 u qalet li l-ECO Team talbu li jużaw Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II għall-bejgħ tal-prodotti li huma jipromwovu.

5.5.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm ma jimbiegħx ikel imsajjar fuq il-post.

**5.6.1. Ġimgħat tal-Ħelsien fir-Reġjun ta' Ahrweiler** **(K/1/5/Vol V)**

5.6.2. Is-Sindku rrefera għaż-żjara li saret f'Adenau fejn tliet żgħażagħ mill-Mellieħa ħadu sehem fl-attività msemmija bejn id-29 u l-31 ta' Marzu 2019. Dawn kienu Marie Cini, Michaela Cini u Britney Sant. Sarah Vella ma setgħetx tattendi minħabba raġunijiet ta' studju. Id-delegazzjoni tal-Kunsill kienet magħmula mis-Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillier J. Gauci, u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

5.6.3. Is-Sur J. Buttiġieg qal illi fil-kuntatti li kien hemm mas-Sindku ta' Adenau A. Hoffmann, ġie diskuss l-andament tal-ġemellaġġ, kif ukoll attivitajiet futuri li ser iseħħu fil-Mellieħa li fihom jistgħu jieħdu sehem persuni, jew gruppi minn Adenau. Saret stedina lis-Sur Hoffmann sabiex jattendi għall-Iljieli Melleħin 2019, liema stedina huwa ma jistax jaċċetta minħabba inpenn ieħor li għandu fl-istess dati. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li huwa estenda l-istedina tiegħu sabiex jattendu sa erba' artisti, jew mużiċisti għall-istess attivitajiet.

5.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.7.1. PA 11231/18 – Titjib fil-parkeġġi tal-Għadira** **(P/5/8/G)**

5.7.2. Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni msemmija li saret minn Projects Malta Ltd illi tinvolvi r-rijorganizzazzjoni u asfaltar mill-ġdid tal-parkeġġi eżistenti, kif ukoll il-bini ta' ħitan. Huwa maħsub li dan it-titjib jipprovdi spazju għal 326 vettura u caravans. Huwa qal li Project Malta Ltd stiednu lill-Kunsill sabiex jiġi spjegat il-proġett kollu f'laqgħa apposta fil-11 ta' April 2019 fl-uffiċini tagħhom f'Tignè tas-Sliema.

5.7.3. Il-Kunsill ħa nota tal-appuntament.

**5.8.1. Użu tas-Sala tal-Kunsill** **(K/1/3/Vol II)**

5.8.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għal imejl datat 8 ta' April 2019, fejn is-Sa. Mandy Calleja talbet li tuża l-post imsemmi sabiex tagħti erba' taħditiet lill-ġenituri, *carers* u edukaturi, bil-għan li jkollhom aktar għarfien fl-i*speech therapy*.

5.8.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha tiġi mtennija l-*policy* li l-faċilitajiet tiegħu m'għandhomx jintużaw għal inizjattivi li jittieħdu fuq bażi personali, jew kummerċjali.

**5.9.1. Kors fil-*food handling*** **(A/8/3)**

5.9.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għal imejl datat 8 ta' April 2019 mibgħut mill-Foundation for Social Welfare Services, fejn għarrfu li ser jingħata kors imsemmija fiċ-Ċentru tal-LEAP fil-Qawra fuq żewġ sessjonijiet fil-11 u t-18 ta' Mejju 2019

5.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.10.1. Kors - Ħajti Tiegħi – Nagħżel Jien!** **(A/1/1/Vol II)**

5.10.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għal imejl datat 28 ta' Marzu 2019, fejn id-Dipartiment għall-Anzjanità Attivà u Kura fil-Kommunità u l-Università tat-Tielet Età inaqgħqdu flimkien biex joffru kors fil-Mellieħa bit-tema "Ħajti Tiegħi – Nagħżel Jien!". Il-post magħżul ser ikun fid-Dar tal-Anzjani kull nhar ta' Ħamis bejn l-4.30 pm u s-6.30 pm.

5.10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.11.1. Strateġija u pjan ta' azzjoni lejn ugwaljanza LGBTIQ** **(U/2)**

5.11.2. Il-Kunsillier J. Attard aċċenna għall-imejl datat 25 ta' Marzu 2019, fejn id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Integrazzjoni spjega li waħda mill-funzjonijiet tiegħu hija illi jindirizza l-isfidi u r-realtajiet li jiffaċċjaw il-komunità LGBTIQ. Bħala direttorat, huwa nkarigat sabiex iħejjI l-Istrateġija u l-Pjan ta 'Azzjoni għall-Ugwaljanza LGBTIQ (2018 - 2022).

5.11.3. Ġie spjegat din il-kampanja timmira l-aktar lejn in-negozji u entitajiet bħall-Kunsill Lokali, għaldaqstant qed jiġi propost li ssir laqgħa ma' kull min jista' ikun relevanti. F'din il-laqgħa, jista' jiġi diskuss minn jista' jipparteċipa fil-Pride Week u inizjattivi oħra li jistgħu jittieħdu mill-Kunsilli Lokali.

**5.12.1. Ipparkjar faċċata ta' garaxx f'Nru. 181, Triq il-Fortizza** **(T/3/2/1/Vol III)**

5.12.2 Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għal linji sofor doppji li saru faċċata tal-garaxx imsemmi li rrendew tul sostanzjali pprojbit għall-ipparkjar fuq in-naħa l-oħra tat-triq. B'dan il-mod, lanqas is-sidien tal-garaxxijiet ma jistgħux jipparkjaw. Is-Sur Bartolo qal ukoll li fuq insistenza ta' wieħed mis-sidien tal-garaxxijiet milquta, il-kuntrattur konċernat għatta l-linji doppji li saru quddiem il-garaxx tiegħu. Huwa ppropona li l-ipparkjar għandu għallinqas ikun ikkontrollat waqt ċertu ħinijiet tal-ġurnata biss.

5.12.3 Ġie spjegat li s-sid tal-garaxx Nru. 181 talab illi jiġi pprojbit l-ipparkjar faċċata peress li meta jkollu x-xogħol ma jkunx jista' joħroġ bil-*coach*, partikularment matul il-lejl. Huwa kostrett ukoll li ma jħallix il-*coach* barra, kif ukoll jekk iħallih barra jkun qed inaqqas l-ispażju mit-triq.

5.12.4 Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill kien tal-fehma li dan il-każ għandu jitqajjem wara li ssir żjara fuq il-post, sabiex jiġu evalwati l-għażliet disponsibbli.

**5.13.1. Permess għall-wirja ta' vetturi kollettibbli** **(A/6/3/2/Vol 74)**

5.13.2. Il-Viċi Sindku D. Vella rrefera għal imejl datat 4 ta' April 2019 mibgħut mill-Federazzjoni Maltija Vetturi Antiki sabiex jorganizzaw wirja f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa nhar il-Ħadd 19 ta' Mejju 2019, bejn id-9.00am sa kmieni wara nofsinhar.

5.13.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm iż-żewġ aċċessi għall-misraħ ikunu kkontrollati permezz tal-Uffiċjali tal-Komunità.

**5.14.1. Iddisinjar u stampar ta' kotba "Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien / *Mellieħa Through the Tides of Time*"** **(P/4/5/Vol III)**

5.14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-ktieb lest għall-istampar u possibilment it-tnedija tiegħu ssir f'Jum il-Ktieb fid-29 ta' April 2019.

5.14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-proposta.

**5.15.1. Użu tas-Sala tal-Kunsill għat-tagħlim tal-mużika** **(K/1/3/Vol II)**

5.15.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li saritilha proposta minn pjanista lokali sabiex jagħti lezzjonijiet tal-mużika fis-Sala tal-Kunsill.

5.15.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa ma jaqbilx li jiġu milqugħa talbiet ta' din ix-xorta kemm-il darba jkunu fuq bażi personali, jew kummerċjali.

5.15.4. Is-Sindku qal li apparti r-raġuni mogħtija fil-minuta 4.14.3., jeżistu tliet għaqdiet mużikali fil-lokalità li jagħtu lezzjonijiet mingħajr ħlas.

5.15.5. Il-Kunsill ma laqax it-talba.

**5.16.1. Mera faċċata ta' garaxx fi Triq l-Etna** **(T/3/2/Vol XV)**

5.16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li hija ġiet avviċinata minn persuna sabiex titwaħħal mera faċċata tal-garaxx tagħha li jinsab 'il fuq minn Triq Mons. Franġisk Xuereb, minħabba li vetturi li jkunu għaddejjin fi Triq l-Etna jagħmlu hekk b'veloċità qawwija.

5.16.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha tkompli tiġi osservata l-*policy* li ma jsirux mirja faċċata ta' garaxxijiet privati, peress li dan joħloq preċedent li jirriżulta fi problemi, kemm fid-dehra tat-triq, kif ukoll minħabba li ċirkostanzi simili jeżistu f'diversi postijiet oħra. Madankollu, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm titwaħħal mera bi spejjeż għall-applikant, fejn id-*driveway* in kwistjoni.

**5.17.1. Kompetizzjoni tas-*snooker* organizzata mill-Kunsill** **(S/4/2/Vol III)**

5.17.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li l-finali tal-kompetizzjoni msemmija ser ssir fis-sede tal-Mellieħa Sports Club fit-23 ta' April 2019 u tibda fis-6.00pm. Huwa ppropona li jingħataw *vouchers* lir-Rebbieħa tal-Ewwel u t-Tieni Post Individwali, kif ukoll l-Koppji Rebbieħa tal-Ewwel u t-Tieni Post.

5.17.3. Il-Kunsill approva l-proposta u ttieħdet nota tal-appuntament.

**5.18.1. Indikazzjoni ta' postijiet għat-tħawwil ta' siġar** **(A/3/Vol III)**

5.18.2. Il-Kunsill J. Azzopardi aċċenna għal imejl datat 11 ta' Marzu 2019, mibgħut mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie mistoqsi jekk ħux interessat li jikseb siġar ġodda bil-għan li jitħawlu fil-lokalità. Dawn is-siġar għadhom iservu biex jiżdiedu ma' dawk eżistenti, jew bħala sostituzzjoni ta' xi siġar li setgħu ġarbu xi hsarat kawża tal-maltemp, jew anki mietu. Is-Sur Azzopardi qal li ġie indikat post ir-riħ tal-Bajja tal-Imġiebaħ fejn jistgħu jitħawlu siġar tat-tamarisk minħabba li qiegħed qrib il-kosta.

5.18.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

**5.19.1. Permessi għall-ikkampjar** **(B/5/Vol IV)**

5.19.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi aċċenna li l-istaġun tal-kaċċa ser ikun miftuħ bejn l-10 u it-30 ta' April 2019, u appella lill-Kunsill sabiex tinżamm il-prassi li ma jinħarġux permessi għall-ikkampjar fiż-żoni A, B, u Ċ ġewwa l-Aħrax matul il-perjodu msemmi. Il-permessi għandhom ikunu limitati għall-inħawi tal-Qortin it-Twill.

5.19.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**5.20.1. Tqassim ta' boroż għall-iskart riċiklabbli** **(K/6/11)**

5.20.2. Is-Sindku aċċenna li l-GreenPak inizjalment għaddew kunsinna ta' 23,000 borża ġriża, iżda rriżulta li dawn m'humiex biżżejjed għall-3,600 residenza u għaldaqstant għaddew it-tieni kunsinna ta' 24,000 borża oħra. Biex kull residenza ikollha biżżejjed boroż, ikunu meħtieġa

94,600 (3,600 x 1 pakkett ta' 26 borża) kull tliet xhur. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li ssir talba lill-GreenPak sabiex issir emenda fil-ftehim relattiv.

5.20.3. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li GreenPak għaddew abbozz ta' fuljett informattiv dwar il-ġranet li fihom jinġabar l-iskart ta' tip differenti. Dan ser ikun f'erba' lingwi: il-Malti, Ingliż, Taljan u Serb. Ser jipprovdu wkoll kalendarju li juri l-ġranet ta' matul is-sena meta ser jinġabar il-ħġieġ bieb-bieb.

5.20.4. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li qed tittieħed.

**5.21.1. Korsijiet tal-kompjuter għat-tfal** **(E/3/1/9/Vol IV)**

5.21.2. Il-Viċi Sindku D. Vella għarraf li saret proposta minn TCTC Ltd sabiex isir żewġ korsijiet intiżi għat-tfal fl-etajiet bejn ħames u erbatax-il sena biex jitgħallmu jużaw il-kompjuter. L-isem tagħhom huwa "Robotica" u "Coding". Dawn iż-żewġ korsijiet qed jiġu offruti flimkien bil-prezz ta' €2,000 it-tnejn.

5.21.3. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru l-korsijiet imsemmija minħabba l-konkorrenza li normalment ikun hemm għalihom.

**5.22.1. *World Dance Day*** **(S/6/Vol IV)**

5.22.2. Il-Viċi Sindku D. Vella rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta 106 tad-29 ta' Jannar 2019 dwar il-Jum Dinji taż-Żfin, li jaħbat fid-29 ta' April 2019. L-attività ser isseħħ f'Misraħ il-Parroċċa bejn 10.15am u l-11.00am. Huwa qal li l-ispiża għas-servizz tal-audio u ta' fotografu mhux mistennija li taqbeż €270.

5.22.3. Il-Kunsill approva dan il-kontribut.

**6.1. PA 5909/17 – Żvilupp ta' art konfinanti minn Triq Ħalq iċ-Ċawl; Triq il-Fortizza; u Triq l-Iżbark tal-Franċiżi** **(P/5/8/Z)**

6.2. Is-Sindku rrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar dan is-suġġett fis-seduta preċedenti. Huwa għarraf li kkonsulta diversi diriġenti ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi fil-qasam tal-ambjent, u rrakkomandawlu lill-Avukat Claire Bonello bħala persuna esperta fil-leġiżlazzjoni u l-*policies* tal-ippjanar. Is-Sur J. Buttigieg, qal li hija għandha tkun assistita mil-lat tekniku mill-Perit Carmel Cacopardo.

6.3. Il-Kunsill approva s-suġġeriment tas-Sindku skont il-minuta 6.2.

**7.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku li tgħid:**

***"Billi saret sejħa għall-offerti (2/2019) skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186) li tinvolvi l-Provista, Konsenja, Installazzjoni, Ittestjar ta' Dwal Ornamentali għal Triq it-Tramuntana, Triq San Pawl, u parti minn Triq il-Madonna tal-Għar;***

***Billi ż-żewġ offerti li saru ġew evalwati f'dak li huwa dokumentazzjoni sottomessa, kompatibiltà mal-ispeċifikazzjonijiet mitluba, u prezz ikkwotat skont ir-rapport tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni tas-26 ta' Marzu 2019;***

***Billi l-ispiża konnessa ma' dan ix-xogħol hemm provdut għaliha fl-estimi tas-sena finanzjarja 2019, taħt il-voti Nru. 7220;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għas-servizz imsemmi għandu jiġi ffirmat mal-offerent Mica Med Ltd, billi fl-offerta tagħhom kienu kompatibbli mal-kundizzjonijiet u l-ispeċikazzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.".***
**(E/1/3/Vol IV)**

7.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo

## 8.1. Rendikont Finanzjarju – Ottubru / Diċembru 2018 (F/1/1/Vol II)

8.2. Is-Segretarju spjega li d-dħul tal-Kunsill bejn Jannar u Diċembru 2018 kien jammonta għal €1,343,063, filwaqt li kien hemm nefqa ta' €2,063,474, u hekk irriżulta defiċit ta' €720,411.

8.3. Ġie spjegat li dan id-defiċit huwa riżultat ta' *accounting exercise* li sar wara l-ħruġ ta' Direttiva 1/2017, illi permezz tagħha d-diprezzament fuq l-assi permanenti tal-Kunsill b'effett min Jannar 2018 bdew jiġu kkalkulati bl-i*straight line method* minflok bir-*reducing method*. B'dan il-mod kważi, l-assi kollha jiġu bla valur wara ċertu żmien. Għaldaqstant ġiet stabbilita d-differenza bejn iż-żewġ metodi, sena b'sena, u rriżulta li din tammonta għal €587,397, liema ċifra qed tiġi meqjusa bħala spiża għall-2018 biss. Flimkien magħha hemm l-ammont ta' diprezzament għas-sena 2018 proprja, li jammonta għal €511,445.

8.4. Il-valur tal-Assi Kurrenti (*Current Asset*) żdied meta mqabbel mal-ewwel disa' xhur tas-sena u kien jammonta għall-€1,369,817 (Settembru 2018 - €969,996), li €1,091,327 minnhom kienu flus miżmuma f'kontijiet bankarji. L-Obbligazzjonijiet Kurrenti (*Current Liabilities)* żdiedu u telgħu fil-livell ta' €625,605 (Settembru 2018 - €482,198), li jikkonsistu minn kontijiet pendenti (*Payables*) illi jidhru fuq il-kotba, kif ukoll stima ta' spejjeż (*accruals*) fuq servizzi jew materjal mixtrija li kienu għadhom ma jidhrux fuq il-kotba.

8.5. Meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha msemmija, jirriżulta Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja (ISF) ta' 68% - żieda ta' 13% fuq il-perċentwali reġistrat fil-kwart preċedenti.

8.6. F'dak li jirrigwarda l-Impjant u Tagħmir (*Plant and Equipment*), bejn Jannar u Diċembru, ġew kapitalizzati b'kemm jiswew €494,076 f'Assi Permanenti (*Fixed Assets*).

8.7. Il-valur oriġinali tal-Assi Permanenti *(Fixed Assets)* kollha akkwistati kien ta' €9,319,396, li meta wieħed jikkalkula d-deprezzament fuqhom sa Diċembru 2018, il-Valur Nett tagħhom fil-Kotba (*Net Book Value*) kien ta' €2,548,410.

8.8. Il-Kunsill approva r-rapport u talab li jiġi ppubblikat permezz tas-sitt elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Quarterly-Financial-Reports.aspx

## 9.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

9.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 5 ta' April 2019.

9.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

9.4. Tressqet ukoll b'mod separat skeda ta' pagamenti li tkopri bejn id-19 ta' Marzu u l-5 ta' April 2019.

9.7. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fiż-żewġ' skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fid-8.33 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 29 ta' April fis-6.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**